MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Numru. 851/2002

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt u
Sp Neville Xuereb)
vs
Esam A. Ali Al Tunisi, iben
Ahmed, imwieled Tripoli, Libya
Fil-1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-Imsida u Ta' Xbiex fil-15 ta' ottubru, 2002 għal ħabta tal-12.15 a.m., b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, li jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC702 Ransley, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-

liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi minn awtorita’ kompetenti;
b. talli fl-istess lok, jum, ħin u cirkostanzi nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PC702 Ransley, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz jew
bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak
is-servizz;
ċ. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’
awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b’xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmiru billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b’liġi kien ordnat li jagħmel;
d. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara fuq
l-uniformi ta’ PC702 Ransley waqt il-qadi ta’ dmirijietu;
Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena skond il-liġi tiddikjara lill-imsemmi Esam A. Ali Al Tunesi bħala mmigrant prjobit u toħroġ Ordni ta’ Tneħħija kontra tiegħu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-15 ta’ ottubru, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ ottubru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 95, 96, 325(1)(d) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin

mil-lum. Inoltre, rat l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjarah immigrant prjobit u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Tneħħija kontra tiegħu.